# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 28 ta' April 2022**

**Kawza Numru: 15**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 279/2022 JVC**

**Carmel Schembri (K.I. 761758M)**

**vs**

**Adrian Schembri (K.I. 105789M) u Janelle Schembri (K.I. 489291M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat bil-procedura tal-giljottina datat 30 ta' Marzu 2022 fejn ir-rikorrent Carmel Schembri kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. ‘Illi r-rikorrenti jiddetjeni l-appartament numru wiehed (1) formanti parti l-blokka ufficjalment mmarkata bin-numru sebgha u disghin (97) gewwa Triq is-Swieqi, Is-Swieqi u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta' bejgh fl-atti tan-Nutar Dr. Anthony Grech Trapani nhar il-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru 1989 ('Dok.CS1.)

2. Illi tul dawn l-ahhar snin, l-esponenti b'sens ta' mera tolleranza u bil-buona grazzja tieghu ippermetta lill-intimati jabitaw gewwa l-fond surreferit stante li ma kellhomx residenza ohra.

3. Illi f’dawn l-ahhar snin tfaccaw diversi differenzi bejn r-rikorrenti u l-intimati u dawn ta' natura serja u konsegwentement, ir-rikorrenti kellu jfittex residenza alternattiva fejn jirrisjedi.

4. Illi in vista ta' din s-sitwazzjoni, r-rikorrenti ddecieda li jirtira u jikkancella kull permess li hu seta' kkonceda lill-intimati sabiex jabitaw fil-fond su referrit.

5. Illi ghalhekk jirrizulta li l-intimati qeghdin jippossjedu l-fond in kwistjoni minghajr ebda titolu validu fil-ligi u minghajr ebda hlas.

6. Illi l-intimati gew interpellati permezz ta' Ittra Ufficjali biex jivvakaw mill-Appartament su referit liema ittri jgibu n-numru 1054/2021 u 1055/2021 rispettivament, minkejja dan, il-konvenuti baqghu jokkupaw l-appartament de quo minghajr titolu validu fil-ligi, u ghalhekk kella tinfetah din l-kawza.

7. Illi l-intimat m'ghandhom l-ebda eccezzjonijiet x'jaghtu in kontro-trattazzjoni ghat-talbiet attrici u b'hekk jezistu c-cirkostanzi ikkontemplati fl-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet

ta' Malta biex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh ghal dak li jirrigwardja t-talba tal-esponenti billi l-intimati m'ghandhomx titolu validu skond l-ligi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, r-rikorrenti qieghed jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

i. Tisma' u tiddeciedi din il-kawża skond is-segwenti talba attrici bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-Artikolu 167(1)(b) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet stante illi din hija azzjoni ghal zgumbrament u fil-fehma tar-rikorrenti l-intimati m'ghandomx eccezzjonijiet x’jaghtu ghat-talbiet tieghu.

ii. Tiddikjara illi l-intimati qeghdin jokkupaw l-appartament su referit minghajr ebda titolu validu skond il-ligi.

iii. Tawtorizza lill-rikorrent li jirriprendi l-pussess tal-appartament numru wiehed (1) formanti parti l-blokka ufficjalment mmarkata bin-numru sebgha u dishgin (97) gewwa Triq is-Swieqi, Is-Swieqi, u tordna l-izgumbrament tal-intimati mill-istess appartament u dan fit-terminu fiss u perentorju koncess lilhom minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispeijeż, inkluz dawk tal-ittri ufficcjali numri 1054/2021 u 1055/2021.’.

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mal-istess rikors guramentat;

Rat illi fis-seduta tallum l-intimati debitament notifikati naqsu milli jattendu ghas-seduta;

Rat illi konsegwenza ta' hekk din il-Qorti ghaddiet sabiex laqghet l-ewwel talba attrici sabiex tisma' u tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-Artikolu 167(1)(b) *et seq* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xiehda ta' Carmel Schembri fis-seduta tallum stess;

Rat id-dokumentazzjoni esebita permezz ta' nota llum stess li tikkonsisti f'zewg ittri ufficjali msemmija fir-rikors guramentat;

Rat li dawn l-ittri ufficjali jikkonsistu f'ittri ufficjali fejn l-intimati ntalbu jizgumbraw mill-fond in kwistjoni izda ghalkemm debitament notifikati naqsu milli jaghmlu dan;

Rat l-insinwa tal-kuntratt esebit a fol. 4 tal-process li tevidenzja li l-fond huwa proprjeta' tar-rikorrenti Carmel Schembri.

Fic-cirkostanzi l-Qorti tqis illi l-pretensjonijiet tar-rikorrent gew debitament pruvati u se tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-intimati Adrian Schembri u Janelle Schembri qeghdin jokkupaw l-appartament bl-

indirizz numru wiehed (1) formanti parti l-blokka ufficjalment mmarkata bin-numru sebgha u disghin (97) gewwa Triq is-Swieqi, Is-Swieqi minghajr ebda titolu validu skond il-ligi.

3. Tilqa' t-tielet talba u tawtorizza lir-rikorrent jirriprendi l-pussess tal-appartament numru wiehed (1) formanti parti l-blokka ufficjalment mmarkata bin-numru sebgha u disghin (97) gewwa Triq is-Swieqi, is-Swieqi, u tordna l-izgumbrament tal-intimati Adrian Schembri u Janelle Schembri mill-istess appartament u dan fi zmien xahrejn millum.

Bl-ispejjez kollha kif mitluba kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**29 ta' April, 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**29 ta' April, 2022**